MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Numru 361/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**

**V**

**MATTHEW BAJADA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **MATTHEW BAJADA** ta' ghoxrin sena, bin Carmel u Rose Marie nee Agius, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' Lulju 1977 u residenti 15, Triq San Frangisk, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 365683M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Marzu 2003, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar f'Telghet Corradino, Rahal Gdid, permezz ta' oggett iebes [flixkun] ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Annalise Busuttil mill-Fgura skond kif iccertifika Doctor Malcolm Borg tal-isptar San Luqa liema offiza gravi tista ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem

jew li tista ggib mankament jew sfregju fil-wicc tal-istess Annalise Busuttil.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Mejju 2003 esebit fl-atti a fol 11 bhala dokument CSH 4 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilu nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 12].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghxorin ta' Frar 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed l-Ispettur Silvio Valletta** [fol 13] fejn spjega li fit-tletin ta' Marzu 2003 kien dahal rapport li kien hemm karozza li kienet niezla 'l isfel mit-triq tal-Moskeja f'Rahal Gdid, u *truck* mimli partitarji li kienu qed jgorru bandiera tal-partit Laburista u mit-*truck* kienu waddbu flixkun lejn din il-karozza fejn wegghet tifla f'wiccha u li kellha tigi operata dak l-hin stess.

Qal li ftit qabel hdejn r-*roundabout* tas-sulfarini minn dan l-istess *truck* kienu twaddbu diversi fliexken lejn BMW liema sewwieq tal-BMW kien gharaf bhala dan it-*truck* li kien qed jigi misjuq minn wiehed maghruf bhala l-"Giza".

Qal li ghalhekk l-Pulizija marru Bormla fejn kien qed isir l-*meeting* tal-partit Laburista u hemm sabu dan t-*truck* kif deskritti lilhom u segwewh sad-Depot fejn bdew l-invesitgazzjonijiet.

Qal li l-ghada hu kien kellem madwar tletin persuna u fosthom kien hemm Matthew Bajada li gharaf presenti fl-awla bhala l-imputat u lil huh Stephen Bajada. Qal li Matthew Bajada kien qallu li hu kien fil-gabina tat-*truck* fejn l-i*speakers* u kif waslu hdejn r-*roundabout* tas-sulfarini, ra xita ta' fliexken hergin lejn il-BMW. Qallu li sussegwentement baqghu telghin u kif waslu fit-telgha ta' Kordin hdejn il-Moskeja, innota li hargu xi fliexken minn fuq t-*truck* fejn kien hemm hu, kif wkoll minn *landrover* li kien hemm warajhom biss ma kienx jaf li ntlaqtet xi persuna.

Qal li sussegwentement kellmu lil imputat li ammetta li kien wiehed minn dawk l waddab l-flixken u li wiehed minn dawn laqat ma dik il-karozza. Qallu li fl-ebda hin ma ried iwaddbu lejn din il-karozza ghaliex lil dik il-persuna lanqas biss kien jafha. Qal li hu waddab il-flixkun ghaliex kien hemm *billboard* u ried jwaddbu ghal fuqha u fil-fatt ghalaq l-ewwel *statement* tieghu f'dan is-sens.

Qal li fuq din l-allegazzjoni haduh maghhom fl-istess post fejn gibdulu l-attenzjoni li *billboard* ma kienx hemm u regghu ghamlu t-tieni stqarrija fejn hu qal li kien minghalih li kien hemm *billboard*. Qal li dan qallu li jiddispjacih ta'dak li kien ghamel u rega' tenna li hu ma ried bl-ebda mod jwegga' lil xi hadd. Meta gie mistoqsi ghal nies ohra li kienu fuq t-*truck* u li setghu waddbu xi fliexken, dan qalilhom li kien hemm certu Jeffrey Farrugia maghruf bhala l-Kampjun li xi hadd kien qallu li rah jwaddab xi flixkun.

Qal li sussegwentement il-persuna li wegghet giet murija t-*truck* fejn din gharfitu bhala l-istess wiehed li kien ghaddej dakinhar tal-incident.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehdet Annalise Busuttil** [fol 16] fejn spjegat li hi kienet fil-karozza sejra lejn l-

Moskeja w appena kienet ser taqbad r-*roundabout* kien hemm *truck* fuq naha tal-*lane* taghha fid-direzzjoni tal-iskola, bdew jharsu lejn dan t-*truck* u f'daqqa wahda semghet hoss kbir u hasset daqqa fuq hugbejha w intliet bid-demm u marret taghmel rapport. Qalet li hi ma ratx minn tefghu. Qalet li fil-karozza taghha kien hemm, hi, ommha, kugintha, l-mara ta' huha tqila li kienet fuq quddiem u tarbija. Qalet li l-karozza kienet qed tinsaq minn zijitha. Qalet li huma kull ma ghamlu kien li harsu lejn t-*truck* u li mossi m'ghamlux. Qalet li hi spiccat l-isptar b'ambulanza fejn sarulha xi punti fuq xoftejha u b'xi snin neqsin. Qalet li kienet giet invistata minn Doctor Michael Borg fl-isptar San Luqa.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **regghet xehdet Annalise Busuttil** [fol 28] fejn esibit kopja tal-*patent certification* form mahrug mid-Dipartiment tal-Emergenza, *case summary* mill-istess dipartiment w s-snien li kellha mtajjrin fl-incident [fol 30 et seq].

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 **regghet xehdet Annalise Busuttil** [fol 52] fejn mistoqsija tiddeskrivi l-incident, qalet li hi kienet fil-karozza u rat *truck* tiela. Qalet li wiccha kien 'l barra mit-tieqa biex tara t-*truck* tiela. Qalet li hi ma ratx hafna fliexken ghalkemm semghet hoss ta' fliexken jaqghu mal-art. Mistoqsija jekk kienx hemm fliexken ohra li waqghu ma gemb il-karozza, x-xhud wiegbet li ma kienetx taf ghaliex malli giet feruta marret l-isptar.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehdet Rose Busuttil** [fol 18] fejn spjegat li hi kienet riekba mat-tifla sejra lejn l-Moskeja meta f'daqqa wahda fuq n-naha l-ohra tat-triq fuq il-karreggjata l-ohra kien hemm *truck* b'hafna nies fuqu u huma bdew jharsu lejh. Qalet li f'hin minnhom waqt li kienu qed iharsu lejn dan t-*truck* semghet hoss kbir w it-tifla li kienet ma gembha, dawwret wiccha u ratha b'wiccha kollu demm.

Qalet li qalet li ohtha li kienet qed issuq biex jibqghu sejrin l-poliklinika pero baqghu sejrin l-ghassa l-ewwel. Qalet li f'dak l-hin hi ma kienetx f'posizzjoni li taghraf xi nies.

Stqarret pero li kien *truck* tal-Labour kollu bnadar u ma rat xejn ghajr lit-tifla bid-demm. Qalet li l-hoss ma semghetux mal-karozza, semghet hoss qisu splodiet buzzieqa, ma kienx hoss ta' hgieg. Qalet li taf li lit-tifla laqatha flixkun, pero min tefghu ma kienetx taf.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 **regghet xehdet Rose Busuttil** [fol 54] fejn mistoqsija jekk kienetx hi li kienet issuq il-karozza, wiegbet li le, hi kienet passiggiera fuq in-naha ta' wara u Annalise Busuttil kienet ma gembha. Qalet li hi kienet fin-nofs, u Annalise kienet magemb t-tieqa u t-tifla t'ohtha fuq in-naha l-ohra u ohtha ssuq u b'hekk setghet tara x'kien qed jigri lil Annalise. Qalet li wicc Annalise kien mat-tieqa bit-tieqa mnizzla, mhux wiccha 'l barra. Ikkonfermat li rat Annalise ma kienetx barra mit-tieqa. Qalet li dak l-uniku flixkun li rat itir, u cioe dak li laqat lil bintha.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehdet Irene Attard** [fol 20] fejn qalet li darba minnhom kienet isuq lil ohtha w t-tifla taghha u xi nies ohra fil-karozza minn hdejn il-Moskeja nezlin lejn r-*roundabout* u fuq in-naha tal-lemin taghhom fuq l-karreggjata opposta, raw truck mimli nies u kif harsu lejh, semghu hoss. Qalet li rat guvni, b'xaghru *spiky*, bi flixkun f'idejh u semghet lil ohtha tghajjat 'polyclinic… policlinic…' u l-ewwel hsieb li gieha f'rasha kien li ddur ghal ghassa w hekk ghamlet. Qalet li sussegwentement rat lit-tifla t'ohtha bi sninha maqlugha u hafna demm fuq wiccha. Qalet li anke rat xi snin fil-fatt fuq is-*seat*. Qalet li hi ma kienetx f'posizzjoni li taghraf lil persuna li fil-fatt tefghet il-flixkun.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed Jeffrey Farrugia** [fol 22] fejn qal li xi zmien qabel kienu baghtu ghalih il-Pulizija in konnessjoni ma kaz fejn hu kien ghaddej fuq *truck* u ra flixkun itir minn warajh. Qal li hu kien staqsa lil imputat odjern, jekk kienx hu li kien waddab l-flixkun, pero hu ma kienx wiegbu. Qal li hu kien qallu li l-flixkun aktarx li kien laqat xi Golf. Qal li dan kien qalu kemm lil pulizija kif wkoll l-Qorti. Qal li lil imputat qatt ma rega' kellmu dwar l-incident hlief dakinhar. Qal li ma jaqbilx ma dak li gie suggerit mill-avukat difensur li tul il-vjagg kienu

twaddbu diversi fliexken. Qal li jista jaghti l-kaz li l-flixkun in kwistjoni ma giex mitfugh mill-imputat.

Illi nhar t-tlieta ta’ Novembru 2003 **rega’ xehed Jeffrey Farrugia** [fol 38] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien fuq *truck* ma l-imputat meta twaddab flixkun lewn ahdar u gie fuq karozza. Qal li dakinhar twaddbu aktar minn flixkun wiehed. Mistoqsi ghaliex fix-xhieda precedenti tieghu ma kienx qal hekk ix-xhud qal li llum kien cert minn dak li kien qed jghid u cioe li kien l-imputat li kien tefa’ l-flixkun. Qal li l-pulizija kienu baghtu ghalih w ikkonfrontawh mal-imputat odjern u kienu qalulu li l-imputat kien ammetta maghhom li kien hu li kien tefa’ l-flixkun u kien dak l-hin li ddecida li jghid il-verita kollha lil pulizija u cioe li kien l-imputat li kien tefa’ l-flixkun. Qal li l-pulziija kienu baghtu ghalih darbtejn.

Qal li l-imputat kemm quddiemu kif wkoll quddiem il-pulizija kien ammetta li kien hu li kien tefa’ l-flixkun. Cahad dak li gie suggerit mid-difiza li kienet il-pulizija li qaltlu li l-imputat kien ammetta li kien tefa’ l-flixkun, izda kien l-imputat li ammetta quddiemu li kien tefghu hu. Qal li apparti dak l-flixkun kienu twaddbu hamsa ohra. Qal li hu ma kienx waddab fliexken peress li hu kien qed jiehu hsieb l-apparat li kellu fuq t-*truck* u kien qed jopera l-musika, li kien fl-gholi. Meta gie muri lilu r-ritratt fejn jidher l-apparat tal-musika li kien hemm fuq t-*truck*, x-xhud spjega li hu kien fin-nofs fil-quddiem tat-*truck* u l-fliexken twaddbu mill-gemb.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Lulju 2004 **rega’ xehed Jeffrey Farrugia** [fol 61 sa 64] ghat-tielet darba, fejn qal li fuq t-*truck* dakinhar tal-incident, hu kien kwazi hdejn l-imputat u kien qed jiehu hsieb l-i*speakers*. Mistoqsi jekk kien hemm *landrover* warajhom, x-xhud wiegeb li ma jidhirlux li kien hemm *landrover*, pero wara li gibidlu l-attenzjoni tieghu l-avukat difensur, ix-xhud ikkonferma li kien hemm *landrover*. Qal li certu wiehed jghidulu l-“Giza” kien qed isuq t-*truck* u kien hu li kien ra lil tal-*landrover* jitfghu l-fliexken.

Qal li fuq it-*truck*, dakinhar kienu xi hmistax il-ruh. Qal li l-"Giza" kien qalilhom biex ma jwaddbux fliexken biex ma jwegghux. Qal li kien hemm hafna aktar nies fuq it-*truck* pero ma kienx il-"Giza" biss li beda jikkmanda u l-"Giza" beda jghajjat ma gemgha nies li kienu fuq t-*truck* biex ma jwaddbux fliexken. Qal li l-"Giza" anke man-nies tal-*landrover* li tefghu l-fliexken beda jghajjat.

Qal li hu ma jafx li shabu, wara l-incident, kienu ltaqghu biex jiddiskutu bejniethom minn ser jkun responsabbli ghal incident. Qal li jaf hu kien li hu ghamel stqarrija lil Pulizija u wara dan, l-imputat kien mar jghid li hu rah jwaddab il-fliexken. Qal li dakinhar f'dik t-triq flixkun wiehed biss kien intefa'.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed PS 1382 Joseph Agius** [fol 24] fejn qal li nhar t-tletin ta' Marzu 2003 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kienu dahlu l-familja Busuttil jaghmlu rapport li kien hemm *truck* li minn fuqu ntefa' flixkun li laqat lit-tifla taghhom. Qal li hu informa b'dan il Ispettur u kiteb l-okkorrenza relattiv li esibixxa bhala dokument PS. Zied jghid li t-tifla in kwistjoni kienet intbaghtet l-isptar.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2003 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 32] fejn qal li ghal habta ta' Marzu 2003 meta kien hemm l-kampanja elettorali, hu u l-Ispettur Silvio Valletta kienu gew delegati sabiex jinvestigaw kwalunke xorta ta' reat li kien isir in konnessjoni ma politika.

Qal li ghalhekk kien investiga l-incident li kien dahal nhar t-tletin ta' Marzu 2003 fejn kien gie rappurtat li tfajla li kienet qeghda passiggiera f'karozza bin-numru ta' registrazzjoni DAA 041 tal-ghamla Golf kienet sfat milquta minn flixkun li gie mwaddab minn xi partitarji laburisti. Qal li l-incident kien sehh fit-telgha ta' Kordin faccata tal-Moskeja tal-Gharab.

Qal li mill-investigazzjoni rrizulta li tfajla sofriet griehi ta' natura gravi f'halqha u li kellha tkun operata dak l-hin stess. Qal li kellhom informazzjoni kunfidenzjali li wasslithom biex jiddentifikaw t-*truck* fejn kien hemm dawn il-partitarji u f'dan r-rigward esibixxa tmien ritratti tal-istess *truck* li gew mmarkati bhala dokument CM. Qal li dan t-*truck* gie eskortat lejn d-Depot.

Irrizultalu li dan t-*truck* kien hemm fuqu xi tletin ruh u ghalhekk hu hadilhom l-partikolaritajiet taghhom u fosthom kien hemm l-imputat odjern, li gharaf presenti fl-awla.

Zied jghid li fil-frattemp, sar jaf li l-vittma kienet giet operata u tnehhewlha xi snin. Qal li kellhom informazzjoni kundifenzjali li l-imputat u xi partitarji li kienu mieghu, kienu tefghu xi fliexken u dak li tefa' l-imputat kien laqat lit-tfajla. Qal li ghal bidu l-imputat meta kien gie konfrontat b'dawn l-allegazzjonijiet, kien innega pero meta kellmu lil Stephen li jigu hu l-imputat, dan kien ammetta li kien ra lil imputat jitfa l-flixkun.

Qal li wara li regghu kellmu lil imputat, dan kien ammetta maghhom li hu kien tefghu pero mhux bl-intenzjoni li jolqot lil xi hadd, qal li kien tefghu fuq *billboard*. Qal li peress li kellhom dubbju kienx hemm *billboard* fejn sehh l-incident, huma ssospendew l-investigazzjoni taghhom u marru fuq il-post biex jizguraw jekk kienx hemm *billboard* fejn sehh l-incident w irrizulta li ma kienx hemm *billboard*.

Meta l-imputat gie konfrontat b'dan, kien wiegeb li kien taht l-impressjoni li kien hemm *billboard* hemmhekk. Qal li meta komplew bit-tehid tal-istqarrija tal-imputat, dan kien ammetta u rega' tenna li kien kontra l-volunta tieghu dak li kien gara. Qal li apparti li kellmu lil huh Stephen, kienu kellmu wkoll lil certu Jeffrey Farrugia darbtejn u l-ewwel darba Jeffrey Farugia kien qal li ghalkemm kien ra l-flixkun itir ma kienx jaf minn tefghu, pero wara ammetta li kien ra lil imputat jitfa dak l-flixkun u li anke kien gibed l-attenzjoni tal-imputat li bih kien laqat karozza u li kien weggha xi hadd b'dan. Qal li l-imputat kien ikkopera maghhom. Qal

li meta giet licenzjata l-vittma mill-isptar, din ingiebet d-Depot w identifikat t-*truck* li kienet rat hdejn il-Moskeja dakinhar tal-incident.

Illi nhar t-tnax ta’ Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri in kontr’ezami** [fol 88] fejn qal li apparti l-imputat u lil huh, kienu arrestaw diversi nies ohra in konnessjoni ma dan il-kaz. Cahad li kienu tmien ufficjali tal-pulizija li kienu qed jinterrogaw lil imputat kif suggerit mid-difiza. Qal li meta sar il-konfront bejn l-imputat u huh, kienu hu, l-Ispettur Silvio Valletta u xi Surgent. Qal li dakinhar Stephen beda jghid lil imputat biex jghid il-verita. Cahad dak li ssuggerit d-difiza li Stephen beda jghid lil imputat sabiex jammetti biex jirritornaw lura d-dar. Cahad wkoll li l-imputat kien ghamel l-awrina quddiemu. Qal li ghal ewwel Jeffrey Farrugia beda jipprova jahbilu lil imputat. Mistoqsi jekk hux veru li huma lil Jeffrey Farrugia qalulu li l-imputat kien ammetta x-xhud, qal li veru kienu jafu x’kien gara w ghalhekk ma kienux jafu ghaliex l-imputat kien qed jigdeb, peress li kellhom l-konferma ta’ huh stess li kien l-imputat li tefa’ l-flixkun w ghalhekk dehrlu li Jeffrey Farrugia ma kienx komplici.

Illi nhar t-tnejn ta’ Frar 2004 **xehed Doctor Malcolm Borg** [fol 49] fejn qal li hu kien ezamina lil Annalise Busuttil fit-tletin ta’ Marzu 2003 fl-Emergenza tal-isptar San Luqa ghal xi t-tlieta ta’ wara nofsinhar fejn sab li kellha qasma f’wiccha forma ta’ “C” fuq in-naha tax-xellug, taqsam ix-xofftejn kemm ta’ fuq kif wkoll ta’ isfel, kemm minn gol-gilda kif wkoll minn gol-laham u kellha wkoll ksur ta’ hames sinniet, *upper left laceral insicion*, *canine*, *premolar lower central* u *lateral incisor*. Qal li dawn kklassifikhom bhala feriti gravi. Qal li l-pazjenta kienet qaltlu li kien twaddab flixkun fuq karozza li kienet fiha u tali storja hija kompatibbli mal-griehi li rriskontra. Qal li kklassifikhom bhala tali ghaliex jhallu farrett fil-wicc. Seduta stante ix-xhud rega’ ra lil pazjenta in kwistjoni u zied jghid li l-ferita bhala farrett li kien ra f’wicc il-pazjenta dakinhar, kien ghadu hemm sa llum w ghalhekk rega’ kkonferma li tali feriti kienu ta’ natura gravi.

Illi nhar t-tlettax ta’ Gunju 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 78] fejn qal li jiftakar li kien fuq *truck* waqt *carcade* tal-labour u kienu sejrin lura d-dar u marru gabruh il-pulizija.  Qal li l-pulizija kienu qalulu li kienu twaddbu xi fliexken minn fuq *truck* u xi nies gew milquta.  Qal li fit-*truck* kien hemm diversi bnadar u *sound* qawwi.  Qal li hu kien f’nofs t-*truck*.  Qal li fliexken twaddbu minn kulhadd.  Mistoqsi kemm kien hemm nies l-imputat wiegeb li kienu tletin zgur.  Mistoqsi jekk hu tefghax fliexken minn fuq t-*truck*, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li tefghu lejn *billboard* politiku li kien hemm fuq n-naha tal-lemin tieghu, il-Marsa.  Mistoqsi jekk jiftakarx li hu qal xi kliem li hu kien laqat xi tfajla ix-xhud wiegeb li dakinhar kienu tmien pulizija madwaru u kien imbezzgha w imwerwer.  Qal li kien cert li waddab il-flixkun lejn il-*billboard* pero fejn spicca ma setghax jghid.

Qal li fid-direzzjoni fejn tefa’ l-flixkun ma kienx hemm karozzi.  Qal li jiddispjacih jekk laqat lil xi hadd bil-flixkun ghax ma kienetx l-intenzjoni li jaghmel hekk.  Qal li huh fil-presenza tieghu kien qal lil pulizija li kien ra tlett fliexken nezlin minn fuq t-*truck* pero m’indikax li wiehed minn dawn kien dak li tefa’ hu.  Qal li huh kien imbezzgha aktar minnu u beda jghidlu biex jikkopera biex jitilqu lil hinn.  Qal li lilu l-pulizija gabruh fid-disgha ta’ filghaxija w ghamel hemm sat-tmienja tal-ghada filghodu.  Qal li xaghru dejjem izommu baxx u qatt ma kien *spiky*. Qal li s-*central strip* kienet wiesgha hafna fid-direzzjoni fejn tefa’ l-flixkun w id-direzzjoni l-ohra hu ma setghax jarha sew.  Karozzi tad-direzzjoni l-ohra ma jidhrux minn fejn kien hu fuq t-*truck*. Qal li kien cert mid-direzzjoni li fih tefa’ l-flixkun.

Illi nar t-tnax ta’ Ottubru 2005 **xehed l-imputat in kontr’ezami** [fol 86] fejn qal li waqt il-*carcade* in kwistjoni, hu kien fin-nofs.  Mistoqsi jekk tefghax flixkun, ix-xhud qal li fl-istqarrija qal li laqat tifla pero dak li qal fl-istqarrija hemm l-kliem li qalulu l-pulizija.  Qal li kien dak li beda jghid l-ispettur li tnizzel u cahad kull kelma li hemm fl-istqarrija u hija formolata mill-ispettur kif xtaq li jpogiha hu. Qal li Jeffrey Farrugia biddel l-versjoni tieghu tlett darbiet. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni li waqt l-konfront, il-kliem li ntqal kienx wkoll formolat mill-Pulizija x-xhud qal li qatt ma

kien presenti waqt li kien hemm Jeffrey Farrugia fid-Depot u kien hemm konfront bejniethom. Qal li qatt ma kien hemm konfront bejnu, bejn huh u bejn Jeffrey Farrugia. Qal li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jweggha jew joqtol lil xi hadd.

Ikkonferma li fl-istqarrija, kif qal l-Qorti, li hu tefa' flixkun lejn *billboard* u mhux lejn il-karozzi u li l-karozza ma kienitx ghaddejja, dan qalu meta l-pulizija haduh fuq il-post. Din l-ispjegazzjoni li ta lil istess pulizija. Qal li fejn il-pulizija qalulu li kien sehh l-incident, hu kien qalilhom li ma kienx hemm *billboard*. Qal li hu kien qal lil pulizija fejn kien sehh l-incident u cioe fejn kien tefa' l-flixkun u cioe fejn effettivament kien hemm *billboard*. Qal li fejn il-pulizija qalulu li kien sehh l-incident, ma kienx hemm *billboard*.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa z-zewg stqarrijiet li l-imputat kien irrilaxxja a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe dawk rilaxxjati nhar t-tnejn ta' April 2003 markati bhala dokument CSH 1 u dik markata bhala dokument CSH 2 a fol 5 et seq tal-atti.

Mill-istqarrija dokument CSH 2 jirrizulta li l-imputat ammetta li kien fuq *truck* tal-"Giza" ma xi partitarji tal-Labour Party sejjer ghal *meeting* fil-Birgu. Qal li fuq t-*truck* kien hemm diversi bnadar, fliexken tal-birra u tal-luminata. Jghid wkoll li f'hin minnhom, waqt li kien imdawwar bin-nies, kellu flixkun vojt f'idu u minflok ma tefghu fil-kaxxa, qabad u waddbu fl-gholi u laqat vettura bil-flixkun li kien tefa' w inkiser u fil-process, laqat tfajla f'wiccha dan pero ghamlu mhux bil-hsieb li jolqot lil xi persuna jew karozza u fil-fatt iddispjacih hafna li laqat lil dik t-tfalja.

Fit-tieni stqarrija tieghu dokument CSH 2, l-imputat gie konfrontat bil-fatt li fil-post fejn qal li kien tefa' l-flixkun, ma kienx hemm *billboard* u hu wiegeb li haseb li kien hemm

*billboard*. Ikkonferma li meta tefa' l-flixkun, l-karozza ma rahiex. Rega' tenna li ma kellu ebda intenzjoni li jweggha lil xi hadd.

Illi in vista ta' dawn iz-zewg stqarrijiet, ma hemmx dubbju li kien l-imputat li kien fera lit-tfajla Annalise Busuttil f'wiccha. Skond Doctor Malcolm Borg, l-feriti li sofriet Annalise Busuttil, kienu ta' natura gravi, konsistenti principalment f'farrett fil-wicc, oltre tibdil ta' xi snien f'halqha. Illi dawn il-feriti ma gewx kontestati minn hadd w ghalhekk dawn il-feriti huma ta' natura gravi.

L-imputat gie akkuzat b'reati ta' offiza voluntarju skond l-artikolu 216(1)(a)(1) u l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ghalhekk hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu. Dawk l-konsegwenzi jistghu jkunu gravi [artikolu 216] gravissimi [artikolu 218] jew addirittura il-mewt [artikolu 220].

**Gulio Crivellari** jghid dwar x'hinu il-kriterju essenzjali ta' dan id-delitt u cioe:

*"Il criterio essenziale del delitto di lesione sta in uno atto materiale, che produce una minorazione ad un uomo del godimento della sua personalita' senza distruggerla, un dolore fisico, un determinate nel corpo o un disturbo al suo intelletto."* [Vol VII pg. 860 Codice Penali per il Regno d'Italia – Unione Tipografico Torino 1896]

Huwa necessarju ai finijiet ta'dan r-reat li r-reat voluntarju li jigi ppruvat l-'*animus nocendi*' jew l-'*animus lucrandi*'.

Huwa minnu li din l-intenzjoni generaika tista tikkoezisti ma intenzjoni specifika li jikkomprendi kemm l-intenzjoni generika kif wkoll dik specifika, jista jkun hemm konkors ta' reati.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Cassar et** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 1993*** intqal s-segwenti:

*"Biex tigi radikata htija tal-imputat ghal feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawzaw xi offizi fuq il-persuna tal-ferut, dan huwa konsegwenza tal-fatt li l-ligi tiddistingwi bejn offizi gravi u hfief, mhux a bazi tal-gravita jew natura tal-azzjoni offensiva li jkun ghazel l-aggressur, izda a bazi biss tal-konsegwenzi attwali rizultanti mill-ferita jew offizi kif prospettati w elenkati fil-Kodici Kriminali. Il-ligi trid principalment tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghal kontrotempi u dizappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali, u huwa hati ta' reat t'offiza fuq il-persuna kulll wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor u d-distinzjoni bejn feriti hfief u gravi hija utili biss ghad-determinazzjoni tal-piena applikabbli ghal azzjoni aggressiva."*

Il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu dwar l-intenzjoni ta' dan r-reat in dezamina jghid:

*"To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the general intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which in fact ensues."*

Ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz, l-imputat ma kellu ebda intezjoni sabiex jikkaguna hsara fuq il-persuna la dik generika u wisq inqas dik specifika, pero xorta ghandu jinsab responsabbli ghal ghemilu u cioe li nvoluntarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Annalise Busuttil.

Illi ghalhekk l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghar-reat involut u kompris fir-reat moghti mill-Prosekuzzjoni u cioe ta' hsara voluntarja skond l-artikolu 328(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe talli b'nuqqas ta' hsieb u bi

traskuragni kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Annalise Busuttil.

Il-Qorti semghet lil Prosekuzzjoni tghid fix-xhieda taghha li l-imputat kkopera maghha w in oltre, in effetti l-Prosekuzzjoni solviet il-kaz taghha minhabba l-konfessjoni tal-imputat mal-pulizija ezekuttiva waqt l-investigazzjoni taghha.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH 3 a fol 10 tal-atti, minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu l-ebda tebgha jew reat registrat fuqha w ghalhekk ghandu jigi trattat bhalikieku hu *a first time offender*.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 328(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MATTHEW BAJADA hati talli nvoluntarjament kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Annalise Busuttil <u>u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin u tilliberah mill-akkuza li voluntarjament kkaguna feriti gravi fuq l-istess persuna ta' Annalise Busuttil</u>.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------